MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 843/2009

**PJ Forge Company Limited (C-36918)**
**Vs**
**Tristar Freight Services Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ elf, u sebgha u disghin ewro u erbghin centezmu (€1097.40), d-differenza bejn il-prezz maqbul u l-prezz arbitrarjament mizjud mis-socjeta’ intimata. Illi t-talba tas-socjeta’ rikorrenti hi li s-socjeta’ intimata kienet stabbiliet prezz ghall garr ta’ merkanzija minn barra Malta lejn Malta ghas-socjeta’ rikorrenti fis-somma tat-talba izda s-socjeta’ intimata arbitrarjament awmentat dan il-prezz b’elf, mitejn, tlieta’ u tletin ewro u ghaxar centezmi (€1,233.10), inkluz VAT, u gieghlet lis-socjeta’ rikorrenti thallas il-prezz hekk mizjud.

Illi ghalhekk meta l-merkanzija waslet Malta, s-socjeta' intimata arbitrajament u minghajr ebda ftehim mas-socjeta' rikorrenti ziedet il-prezz mitlub minnha ghal elfejn, tliet mija u tletin ewro u hamsin centezmu (€2,330.50) u gharrfet lis-socjeta' rikorrenti li jekk ma kienetx ser thallas il-prezz awmentat u mitlub minnha, hi ma kienetx ser tirrilaxxxja l-merkanzija mill-pussess taghha. Illi s-socjeta' rikorrenti kellha thallas il-merkanzija bil-prezz gdid mitlub, ta' €2,333.50, sabiex tkun tista' tiehu l-merkanzija li kellha htiega urgenti taghha u anke biex timminimizza d-danni, izda dan il-hlas ghamlitu taht protesta u b'riserva wkoll ghad-dritt li titlob rizarciment tieghu. U peress li s-socjeta' rikorrenti kellha tiehu hsieb hi t-trasport tal-imsemmija merkanzija minn Hal Far ghall-fond fejn l-istess socjeta' rikorrenti tiggestixxi l-operazzjonijiet taghha, meta fil-prezz originarjament miftihem mas-socjeta' intimata kien hemm ukoll inkluz it-trasport tal-imsemmija merkanzija, a karigu ta' l-istess socjeta' intimata minn Hal Far ghall-fond fejn is-socjeta' rikorrenti tigestixxi l-operat taghha.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezenti kontra s-socjeta' intimata li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn intqal illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont kollu mhallas mis-socjeta' attrici kien il-prezz gust dovut ghas-servizz moghti mis-socjeta' konvenuta kif kien miftiehem bejniethom u dan kif ser jigi ppruvat matul is-smiegh tal-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-prezz indikat originarjament mis-socjeta' konvenuta kien mahdum a bazi ta' nformazzjoni nkorretta moghtija lilhom mis-socjeta' attrici liema nformazzjoni kienet tirrigwarda l-ispazju necessarju ghall-garr tal-merkanzija in kwistjoni u ghalhekk anke jekk l-atturi allegaw li l-prezz gie mibdul biex jirrifletti din iz-zieda ta' l-ispazju rikjest ma giex sussegwenetment maqbul bejn il-partijiet dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-prezz imhallas kien dak gust u rejalment dovut u zgur li m'ghandhiex tbati is-socjeta' konvenuta ghall-izball tas-socjeta' attrici.

Illi kwalunkwe' talba ghall-imghax u ghall-ispejjez huma per konsegwenza superfluwa. B'rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Pullicino, Matthew Sultana, Mark Anastasi, Philip Attard u Michelle Cassar.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas lura tad-differenza bejn allegat prezz maqbul bejn il-partijiet u l-prezz li s-socjeta' attrici kienet imgieghla thallas sabiex il-merkanzija taghha li ngarret mis-socjeta' konvenuta tigi rilaxxata lis-socjeta' attrici meta waslet Malta.

Joseph Pullicino direttur tas-socjeta' attrici qal li huwa kien talab stima lis-socjeta' konvenuta sabiex jimporta *pallets*. Illi huwa kien talab stima permezz tat-telefon u kien inghata risposta bil-miktub.Huwa inghata stima ta' elf u hamsa u erbghin ewro (€1,045) minghajr VAT ghal volum ta' 8.5 metru kubu bil-piz ta' elfejn, mitejn u erbghin (2,240) kilo. Qal illi l-merkanzija ordnata kienet *stackable.* Illi l-merkanzija li kien ser jordna ix-xhud kien inqas minn dak imnizzel fl-istima u ghamel l-ordni tieghu a bazi tal-istima li kien ircieva u qal lis-socjeta' konvenuta sabiex tmexxi l-ordni tieghu lejn Malta. Ftit minuti wara rceva *e-mail* ohra fejn gie infurmat illi fuq l-istima kellu jzid l-VAT u Pullicino kkonferma l-ordni bil-VAT inkluz. Qal li meta sussegwenetement wasslet il-merkanzija kien gie infurmat mis-socjeta' konvenuta illi kien sar zball fl-istima u li t-trasport kien ha jigi jiswa elfejn, tliet mija u tlieta u tletin ewro u hamsin centezmu (€2,333.50). Illi Pullicino hallas l-ammont li kien qieghed jigi rikjest ihallas izda ghamilha cara illi huwa kien qieghed ihallas taht protest ghaliex kellu bzonn il-merkanzija izda ghamilha cara u bil-miktub li ried illi jigi rizarcit id-differenza.

Mix-xhieda ta’ Matthew Sultana, *shipping manager* mas-socjeta’ konvenuta qal li kien huwa li kien ta’ l-istima u ftiehem ma’ Pullicino dwar il-garr ta’ merkanzija. Filwaqt illi fix-xhieda tieghu ammetta li kien sar zball fl-istima originali huwa qal li Pullicino kien ikkonferma l-garr ta’ l-istess merkanzija bil-prezz il-gdid wara li kien infurmah bl-izball fuq l-ispazju li kellha tiehu l-merkanzija in kwistjoni. Huwa qal illi nforma lill-Pullcino dwar id-differenza fl-istima permezz tat-telefon u li Pullicino kien accetta. Intqal minn Mark Anastasi, wiehed mid-dirigenti tas-socjeta’ konvenuta, li l-izball kien ittiehed minn impjegat gdid ta’ dak iz-zmien, certu Etienne Cachia, li sallum ghadu jahdem mas-socjeta’ konvenuta. Izda t-Tribunal jirrilleva li dan il-bniedem qatt ma ttella’ sabiex jixhed in sostenn ta’ dak kollu li kien qieghed jigi dikjarat mis-socjeta’ konvenuta. Irrizulta li l-merkanzija rikjesta mis-socjeta’ attrici kienet ghal 8.5 metri kubi izda fil-fatt il-merkanzija kienet ha tiehu 4.5 metri tul *floor space* u ghalhekk il-kalkolu fil-prezz kellu jsir diversament. L-awment fil-prezz tal-garr kien effetttivament minhabba l-ispazju li kienet ha tokupa l-merkanzija.

It-Tribunal jifhem f’dan l-istadju illi *floor space* u *volume* jiehdu spazji differenti partikolarment meta l-merkanzija li qieghda tiehu l-*floor space* m’hijiex skont is-socjeta’ konvenuta fi kliema *stackable* u ghaldaqstant jkun jista’ jifhem ghaliex l-istima kellha tinbidel.

Gara li fil-5 ta’ Mejju, 2009, is-socjeta’ konvenuta saret taf mis-socjeta’ Attrans, il-*haulage company* f’Malta illi kienet rceviet *e-mails* mit-trasportaturi fil-Belgju li l-merkanzija li kienet qed tordna s-socjeta’ konvenuta kienet mertu ta’ *e-mails* skambjati bejn il-fornituri tal-materjal gewwa Franza mat-trasportatur fil-Belgjum. F’din il-korrispondenza intqal illi *items 1-7* kienu kollha *stackable* u li *item 7*, li kienu *aluminium profiles* li b’kollox jiznu ghoxrin (20) kilo setghu kollha jitqieghdu wahda fuq l-ohra. Evidentement, l-*aluminium profiles,* peress li ma kellhomx piz enormi (20kg) setghu jitqieghdu fuq l-merkanzija l-ohra ghaliex kienu twal. Il-kliem uzat kien: *Items 1-7 can all be stacked on each other for transport obviously item 7 is not very big but it can sit on the packs as it is very long*. Lit-Tribunal

jidhirlu li skont kif spjega l-esportatur, ix-xoghol tieghu seta' jitghabba fuq xulxin eskluz *item 7* li kien erba' (4) metri fit-tul u li kien jizen ghoxin (20) kilo u li kienu *aluminium profiles*. Dak li ma ntqalx mill-esportatur kien jekk it-traspsortatur setghax jghabbi xoghol ta' terzi fuqu. Illi mix-xhieda ta' l-Attrans intqal illi l-merkanzija ta' terzi ma rrizultax li setghet titqieghed fuq xulxin u anke seta' jitqieghed xoghol ta' terzi izda din id-domanada konvenjentement ma gietx posta lill-esportatur. Ghal xi raguni, l-*haulier* barra minn Malta ikkonkluda li ma setghax isir *stacking* ta' terzi. It-Tribunal ma jistax jikkonkludi li l-esportatur kien ipprojbixxa li materjal ta' terzi jitqieghed fuq il-merkanzija tas-socjeta' attrici izda lanqas ma gie mistoqsi jekk kienx possibli. Lit-Tribunal jidhirlu li jekk kemm-il darba il-*container* li kien qieghed jitghabba kien *groupage container* kienet fid-diskrepanza tat-trasportaturi kif titqassam il-merkanzija dejjem wara l-permess tal-esportatur li accerta li l-merkanzija hija *stackable*. Illi lit-Tribunal jidhirlu li kienet semmaj konvenjenti ghat-trasportaturi jikkonkludu li l-materjal ma kienx *stackable* bil-konsegwenza li ttiehed *floor space* mhux hazin, bil-konsegwenza li l-prezz tal-garr inbidel fi *flooring space* minflok f'metri kubi.

Lit-Tribunal jidhirlu li meta Kingspan, l-esportatur, kien iddikjara li l-merkanzija tieghu kienet *stackable,* l-*hauliers* barra minn Malta, ma kkonfermawx jekk setghax jkun stakkjat xoghol ta' terzi u ddecidew li ma jistakkjawx xejn iktar u b'hekk il-klijent gie impenjat ihallas *loading metres*. Minn imkien ma jirrizulta inekwivokament, lit-Tribunal, illi merkanzija ta' terzi ma setghetx titghabba fuq ix-xoghol tas-socjeta' attrici.

Rigward il-kambjament fil-prezz tal-garr, it-Tribunal huwa konvint illi s-socjeta' attrici ma kienetx taf bl-istima l-gdida u bl-iskambju ta' *e-mails* bejn is-socjeta' konvenuta, it-trasportaturi fil-Belgju u l-esportatur fi Franza.

Illi fil-fehma tat-Tribunal l-ghan ewlieni tas-*shipper* huwa li ma jahlix spazju f'container u li jimlih sew. Illi fil-kaz in ezami ntqal illi l-ispazju okkupat mill-merkanzija tas-socjeta' attrici okkupat spazju sostanzjali minhabba l-fatt

illi l-qatet gew ikkalkolati f'erbgha punt hamsa (4.5) *loading metres* u ma giex istakkjat xoghol iehor.

Il-pern tal-vertenza ta' din il-kawza m'huwiex x'iddecidew it-trasportauri tal-merkanzija izda jekk il-prezz tal-garr ghandux ikun l-istima li nghata Pullicino f'April, 2009 jew l-istima sussegwenti ikkalkolata *f'loading metres*. Illi mid-dokumenti ezebiti in atti jirrizulta li s-socjeta' kovenuta kellha diffikolta' tifhem dak li talbitha s-socjeta' attrici fuq it-telefon. Illi prova ta' x'servizz intalab lis-socjeta' konvenuta jirrizulta biss mir-risposta taghha, a fol.14 (dok PJ1), illi gie konfermat garr ta' tmienja punt hames (8.5cbm) metri kubi – *stackable ex works Belgium to door Malta*, fis-somma ta €1045 VAT eskluz bil-piz ta' circa 2000 kilo. Din l-ordni ttiehdet fit-23 ta' April, 2009. Illi fil-5 ta' Mejju, 2009 s-socjeta' Kingspan ikkonfermat illi l-merkanzija setghet titghabba. Din is-socjeta' nghatat deskrizzjoni dettaljata tax-xoghol, bil-piz kif ukoll id-dimensjonijiet. Illi skont l-esportaturi x-xoghol kien *stackable* 'fuq xulxin' izda ma semmewx jekk il-materjal seta' jkun *stacked* b'merkanzija ta' terzi. Gara, li l-merkanzija wasslet Malta u nhareg *notice of arrival* lill-klijent. Illi skont Matthew Sultana meta gew skambjati l-*e-mails* dwar it-tibdil fl-istima tal-konsenja, s-socjeta' attrici kienet giet infurmata minn Sultana fuq it-telefon izda ma dehrlux illi kellu jsegwi din il-konferma bil-miktub.

Illi skont dok JP3 (fol 16) u dok.JP 4 ( fol 17) is-socjeta' attrici giet infurmata li l-materjal kien wasal u kien ta' 4.5 metri kubi, u b'hekk inholoq *misunderstanding* ohra izda s-socjeta' konvenuta spjegat illi l-formola li ntbaghet lis-socjeta' attrici kellha taqra 4.5 *running/loading metres* u l-ittri *cbm* (cubic metres ma kellhomx ikunu hemm). Illi dejjem fl-istess dokumenti ezebiti hawn fuq imsemmija, kien hemm ukoll miktub *general cargo stackable*. Illi skont ix-xhieda tas-socjeta' konvenuta dawn kienu biss *typo errors* min-naha ta' impjegat gdid u minghajr ebda esperjenza, certu Etienne Cachia. It-Tribunal jirrilleva li Etienne Cachia qatt ma ngab jixhed in sostenn tal-izball maghmul minnu. Illi skont *e-mails* skambjati bejn Attrans Malta, it-trasportaturi

barra minn Malta u l-esportaturi, Kingspan kkonfermaw illi kien hemm *loading space* ta’ 4.5 *running metres.* Illi dawn l-*emails* gew *forwarded* ukoll lis-socjeta’ konvenuta fis-6 ta’Mejju, 2009.

It-Tribunal jemmen illi mal-wasla tal-merkanzija, s-socjeta’ attrici giet infurmata permezz ta’ *delivery order* u *invoice* fil-21 ta’ Mejju, 2009 li giet iffaksjata lilha. Illi filwaqt illi l-*emails* rcevuti mis-socjeta’ attrici permezz ta’ *fax message* kellhom il-kliem *general cargo stackable* u *4.5 cbm*, l-istess *delivery order* u *invoice*’ b’ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta gew imnehhija bit-*Tippex* bir-rizultat tal-kliem deskrittivi bhala *General Cargo – 4.5 measurement*. Intqal ukoll li l-klijenti kienu gew infurmati bil-prezz tal-garr il-gdid permezz ta’ telefonata minn Matthew Sultana sa mis- 6 ta’ Mejju, 2009 u li s-socjeta’ attrici kkonfermat l-prezz il-gdid izda t-Tribunal fic-cirkostanzi jemmen illi kien hemm *misunderstanding* u nuqqas ta’ kommuikazjoni min-naha tas-socjeta’konvenuta.

Wara li sema’ u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu t-Tribunal huwa moralment konvint illi s-socjeta’ attrici qatt ma giet infurmata bil-prezz tal-garr il-gdid u t-Tribunal jemmen illi minghajr ma jidhol fil-kwistjoni ta’ jekk l-*hauliers* setghux jew le jistakkjaw materjal ta’ terzi, l-kwistjoni kollha hija jekk is-socjeta’ attrici kienetx infurmata bit-tibdil maqbul bejn il-*hauliers* f’Malta u l-*freight forwarders*. It-Tribunal huwa konvint li s-socjeta’ attrici bi zvista ma kienetx giet infurmata.

Illi skont dok PA1, a fol.43, li hija *e-mail* mis-socjeta’ Attrans lil Matthew Sultana mibghuta fis-6 ta’ Mejju, 2009 gie indikat lilu l-informazzjoni li l-materjal tas-socjeta’ attrici, kien ha jiehu *4.5metre floor space* u li kien ha jiswa €2200 sa Hal-Far biss eskluz VAT. It-Tribunal huwa tal-fehma li din l-email intbaghtet lis-socjeta’ konvenuta (dok MS1) fis-6 ta’ Mejju, 2009 fil-11.57 a.m. fejn l-istess Attrans infurmat lil-Jennifer Ebejer impjegata ohra tas-socjeta’ konvenuta, bit-tibdil minghajr konferma tal-prezz kif imsemmi fl-*e-mail*

mibghuta saghtejn u nofs qabel lil Matthew Sultana mill-istess mittenti ghan-nom ta’ l-Attrans.

In konkluzjoni t-Tribunal jemmen illi huwa n-nuqqas ta’ kommunikazzjoni min-naha tas-socjeta’ konvenuta li wasslet ghall-vertenza ta’ din il-kawza. Illi fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta’ attrici m’ghandhiex tbati ghad-differenza fil-prezz tal-garr. Illi in oltre d-differenza mhallsa mis-socjeta’ attrici, lanqas tinkludi l-vjagg minn Hal Far sal-bieb tas-socjeta’ konvenuta, spejjez li originarjament kienu nkluzi fl-ewwel stima tas-socjeta’ konvenuta. It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax ukoll illi fix-xhieda tas-socjeta’ Attrans intqal illi x-xoghol tas-socjeta’ attrici seta’ fl-esperjenza taghhom jigi stakkjat b’xoghol ta’ terzi izda peress illi kien hemm rikjesta specifika li l-*booking* kien ghal *floor space* biss u li l-container kien gie *groupage* il-*hauliers* ma setghux jistakkjaw mod iehor.

It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi ghalkemm huwa minnu li l-esportatur kien ikkonferma, l-esportatur qatt ma ntalab jekk setghax jitghabba materjal ta’ terzi fuqu u min-naha tal-*hauliers* din ir-rikjesta qatt ma giet segwita bid-domanda jekk setghax jigi stakkjat xoghol iehor, meta xoghol seta’ fil-fatt jigi stakkjat. Dan qieghed jinghad partikolarment meta l-*haulier* fil-Belgju kien ha jmur jigbor xoghol minn dan l-esporatatur partikolari ghall-ewwel darba.

It-Tribunal huwa konvint li l-izball kjarament sar meta s-socjeta’ konvenuta saret taf bit-tibdil fil-prezz tal-garr izda minhabba l-ghagla li kien hemm is-socjeta’ konvenuta naqset milli tinforma lis-socjeta’ attrici bid-differenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elf sebgha u disghin ewro u erbghin

centezmi (€1097.40.) bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez sopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------